IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 17**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, ippresieda l-laqgħa l-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B15**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B15 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B15

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B15** — Punti li joħorġu mill-Minuti B15

2.01 4.01 Is-Sur George Attard qal li hu ġie kkuntatjat mill-Korporazzjoni Enemalta dwar il-*wire* tad-dawl imdendel fi Triq il-Lewż fejn ġie mitlub jibgħat ritratt tal-imsemmi *wire.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali ritratti kienu diġa ntbagħtu mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. — Wire tad-dawl imdendel fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.02 4.02 Is-Sur George Attard qal li l-bankina ta' Triq il-Lewż kienet għada ma tranġatx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet infurmata mill-*handyman* tal-Kunsill li tali bankina kienet saret. Sar qbil li s-Sur George Attard imur mal-*handyman* fuq il-post sabiex jaraw li qed issir referenza għall-istess bankina.

Bankina mkissra fi Triq il-Lewż

** Is-Sur Anglu Portelli daħal għal-laqgħa fil-5.15 p.m.

## 3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B16

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B16 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B16

## 4.00 Komunikazzjoni mill-Membri

4.01 Is-Sra Marthese Cortis infurmat il-laqgħa li kien hemm bozza mar-residenza Sardinella, il-Kunċizzjoni li ilha 7 xhur maqtugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din l-bozza kienet ser terġa tigi rrapurtata lil Korporazzjoni Enemalta.

Bozza maqtugħa mar-residenza Sardinella, il-Kunċizzjoni.

4.02 Is-Sur Anġlu Portelli qal li l-kuntrattur li għamel il-qtugħ ta' ħaxix ġewwa l-Baħrija tefà l-ħaxix maqtugħ u l-ħmieġ ġewwa l-għelieqi privati. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan l-ilment ser jiġi diskuss mal-kuntrattur konċernat.

Qtugħ ta' ħaxix

4.03 Is-Sur Anġlu Portelli qal li hemm bozza fuq il-każin tal-PL il-Baħrija li ilha ġimgħatejn irrapurtata u għada ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din l-bozza kienet ser terġa tigi rrapurtata.

Bozza maqtugħa fuq il-Każin PL, Baħrija

4.04 Is-Sur Anġlu Portelli qal li saret triq bit-tarmac l-isfel mill-Palazz, il-Baħrija. Huwa staqsa min minn kienet saret din it-triq, peress li l-kumitat ma kienx infurmat li din it-triq partikolari ser issir. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ser tinvestiga dwar dan il-każ.

Triq bit-tarmac l-isel mill-Palazz, il-Baħrija

4.05 Is-Sur Anġlu Portelli staqsa meta kienu ser isiru t-toroq ppjanati mill-Gvern Ċentrali. Huwa saħaq li l-Kumitat qiegħed hemm għalxejn, għax mhux qed jiġi kkonsultat.

Toroq pjanati mill-Gvern Ċentrali

4.06 Is-Sur ~~George Attard~~ Anġlu Portelli qal li s-servizz tal-ġbir tal-iskart u t-tqassim tad-distribuzzjoni tal-gas, ma kienx qed jingħata lir-residenti tal-Ġnien tal-Marġa, l-Baħrija.

Servizz tal-ġbir tal-iskart u tqassim ta' gas ġewwa l-Ġnien tal-Marġa

## 5.00 Korrispondenza

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Kumitati Amministrattivi u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016, ġewwa r-*Roman's Den Restaurant,* fit-8.00 p.m.

Ikla tal-Milied

## 6.00 Materji Oħra

6.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa.

## 7.00 Data tas-seduta li jmiss

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 16 ta' Frar 2016

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**